**PARROĊĊA SANT'ANNA WIED IL-GĦAJN**
**AVVIŻI 25 TA' AWWISSU 2019**

**Grupp Armar tal-Parroċċa**
Illum is-Sibt 24 ta' Awwissu 2019 il-Grupp tal-Armar tal-parrċċa qed jorganizzaw *Country Night* fuq is-simenta.

**Għoti ta' Demm**
Għada l-Ħadd 25 ta' Awwissu 2019 bejn it-8:15am u s-1:00pm se jsir l-għoti tad-demm quddiem is-Sala Sant'Anna. Inħeġġiġkom sabiex immorru nagħtu d-demm u aħna mitlubin nieħdu magħna l-ID Card.

**Adorazzjoni tal-Ħniena Divina**
It-Tnejn 26 ta' Awwissu 2019 wara l-quddiesa tas-6:30pm jkollna l-Adorazzjoni tal-Ħniena Divina.

**Kunsill Pastorali Parrokkjali**
It-Tnejn 26 ta' Awwissu 2019 fis-7:30pm jiltaqa' l-Kunsill Pastorali Parrokkjali fl-Uffiċċju Parrokkjali.

**Quddiesa fid-9:00am**
Nhar ta' Erbgħa matul ix-xhur ta' Awwissu fil-Knisja Parrokkjali ser ikollna quddiesa fid-9:00am. Inħeġġu lil kulħadd sabiex fil-vaganzi tas-sajf insibu ħin għal Ġesù.

**Jum Wied il-Għajn 2019**
Il-Ħadd 1 ta' Settembru 2019 huwa Jum Wied il-Għajn. Fid-9:15am quddiesa mmexxija mill-isqof Mons. Giovanni Cefai mssp, isqof ġdid Malti li qed jaqdi lill-Knisja ġewwa l-Peru', fejn is-Soċjetà Missjunarja ta' San Pawl għandhom missjoni tagħhom.  u wara l-quddiesa ikollna t-tberik tal-annimali fi Ġnien Sant'Anna, quddiem il-knisja.

**Ħarġa għal-lejlet il-Festa tal-Vitorja, il-Mellieħa**
Il-Parroċċa ser torganizza ħarġa għal-lejlet il-festa tal-Vitorja, il-Mellieħa nhar is-Sibt 7 ta' Settembru 2019. Nitilqu minn ħdejn is-Sala Sant'Anna fis-7:30pm. Inżuru s-Santwarju tal-Madonna tal-Vitorja u wara naraw in-nar tal-ajru sinkronizzat mal-mużika. Biljetti mis-sagristija u min jixtieq jibbukja post bilqiegħda waqt in-nar tal-arju ikellimna fis-sagristija.

**Jum Dinji tal-Anzjani 2019**

Il-Ħamis 12 ta’ Settembru 2019 fl-10:00am fl-okkażjoni ta’ Jum Dinji tal-Anzjani fis-Santwarju Bażilika tal-Assunta, il-Mosta se ssir quddiesa mill-E.T. Mons. Joseph Galea Curmi.